MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Numru 478/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gafa')**

**Versus**

**Alfred Galea**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alfred Galea ta' 55 sena bin Joseph u Salvina nee Vella, imwieled San Pawl il-Baħar fl-20 ta' Otturbu 1950 u residenti fl-indirizz 290 Flat 4 Triq Manwel Dimech Slieam detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 966150(M)

Akkużat talli:

1) Fil-11 ta' Mejju 2006 u fil-jiem t'a qabel f'San Pawl il-Baħar bena, biddel, għamel, ipposseda, biegħ jew xtara xi

apparat li bih jista' jikkonnetti konta l-Liġi ma' sistema ta' telekomomunikazzjoni;

2) Fl-istess ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda kkommetta serq ta' pulses tas-sistema telefonika b'valur ta' mhxu aktar minn mitt lira (Lm100) għad-detriment tal-Korporazzjoni Maltcom, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex fil-każ t'a sejbien ta' ħtija tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 9661 tas-sena 1950, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrija tal-imputat a fol.17, u d-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li ma kienx hem għalfejn jitla' x-xhud Charles Calleja biex jikkonferma d-dokument DCC.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni da parti tad-difiża.

Ikkonsidrat

5. Skond il-Prosekuzzjoni fil-11 ta' Mejju 2006 il-Pulizija kellha informazzjoni li kien hemm telefon pubbliku li kien qed jintuża b'mod illegali. Il-linja ta-telfon kienet 21573752. Din intużat bejn il-5 u s-6 ta' Mejju 2006 u imbagħad inqatgħet. Il-Pulizija marret ħdejn il-box li kienet reġgħet qed tintuża mill-ġdid b'mod illegali u xi għoxrin metru bogħod kien hemm container li kien qed jintuża bħala karma tal-watchman. Hemm instab l-imputat u kien hemm linja tat-telefon installata normali minn liema telefon wieħed seta' jċempel biss landline. Kienet fil-fatt dieħla linja oħra tat-telefon li kienet l-istess linja tal-cardphone. Xi ħadd falsifikament qabad il-wire, għaddieh minn fqu arblu tad-dawl u baqa' dieħel fih ġol-container. Fil-kamra kien hemm il-mara tal-imputat u ibnu Eros. Kemm l-imputat kif ukoll Eros Galea innegaw li kienu

għamlu telefonati għal barra fuq in-numru 21579139. Fit-12 ta' Mejju 2006 l-imputat ammetta li min fuq din il-linja li kienet iddaħħlet fil-container hu kien qed iċempel. Kien hemm ukoll memebri tal-familja tiegħu li kienu qed iċemplu lill-membri tal-familja tagħhom barra minn Malta.

6. Minn taħt siġra viċin l-Pulizija sabu s-sett tat-telefon li kien moħbi ġo barmil. L-ammont ta' telefonati li kienus aru kien ta' madwar Lm60 u l-imputat qal li kien lest iħallas ta' dawn.

**L-Istqarrija tal-imputat.**

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat spjega hekk:

*'Iva jien għamilt diversi telefonati lil tal-familja tiegħi li jgħixu l-Ingilterra, l-Italja u l-Awstralja. Jien xi ftit taż-żmien ilu ndunajt li fil-container kien dieħel wire abjad b'ċewġ fili u ndunajt li huwa wire tat-telefon. Qbadt il-mus u qaxxartu u ppruvajt telfon miegħu u sbit lid an kellu linja taħdem. Jien indunajt li stajt inċempel barra minn Malta. mMin-nhar il-Ġimgħa li għaddiet 'l hawn jien bdejt inċempel minn fuq din il-linja billi kont qababdt connection box li kelli d-dar. Ma' din il-connection box qababdt żewġ wires bi crocodile clips u waħħalt dawn il-clips mal-linka. Jien imbagħad qabbadt teleopn aħmar li keli żejjed u bdejt inċempel minnu.'*

8. Charmaine Galea Triganza, rappreżentanta tal-Maltacom, xehdet if żammew dan it-telfon taħt sorveljanza billi ddiskonnettjaw ilo-handset talcardphone u għalhekk seta' jaraw liema calls irregolari kienu qegħdin isiru. Ikkonfermat ukoll il-lista tat-telfonati rregolari. Il-calls saru fil-5, 7, 9 u 11 ta' Mejju 2006. Saru telefonati lokali kif ukoll barra, lejn l-Awstralja u l-Ingilterra. Fil-kontro-eżami (ara fol 45) ikkonfermat li l-linja rregolari kienet hemm dak in-nhar meta marru biex jispezzjonaw. Hi kkonfermat li l-kont kien ħareġ fuq l-imputat u kien tħallas.

9. Il-pendenza kienet tħallset.

10. PC 1235 Warren Magri spjega kif kien sabu lill-imputat, lill-mara tiegħu u lil iben l-imputat b'telefon iswed f'idejhom għax kienu bdew iċemplu. Minn aktar stħarriġ irriżulta li kien hemm linja oħra. It-telefon l-iswed kien imqababd ma' linja oħra u sabu fergħa tal-linja moħbija wara qisu cupboard. Dik il-fergħa kienet tagħti għal telephone boot ftit metri 'l bogħod mill-container. Il-mara tal-imputat kienet ġabet it-telefon li kien moħbi f'tank war siġra siversi metri bogħod mill-container.

11. PC 460 Antoine Briffa u WPC 249 Maruska Debattista ikkonfermaw dak li kien xehed PC 1235 Warren Magri waqt li s-sur Charles Calleja, security officer mal-Public Works ikkonferma li l-imputat kien għassa mal-affarijiet tad-distrett.

12. Id-dokument DCC a fol. 43 juri meta kien xogħol l-Imputat ġewwa l-Wardija.

Ikkonsidrat

13. Li dan il-każ kien prattikament ammess mill-imputat meta għamel l-istqarrija għand il-Pulizija u li tinsab ippreżentata fil-proċess a fol.17. L-istqarrija hija r-reġina tla-provi. Iżda l-Prosekuzzjoni marret oltre għaliex ġabet ix-xhieda li marru fuq il-post u dawn taw il-verżjoni tagħhom. Il-verżjoni tkompli ssaħħaħ l-istqarrija tal-imputat. Il-Qorti m'għandha ebda raġuni għala m'għandhiex taċċetta din l-istqarrija bħala veritjiera multo magis meta x-xhieda okulari taw xhieda li tikkonferma dak li ntqarl. Oltre dan tħallsu l-pendenzi li ntalbu mill-Maltacom.

14. Id-difiża ssottomettiet li l-imputat m'għandux jisntab ħati tal-ewwel imputazzjoni għaliex hu ma kien 'bend jew biddel xejn.' Il-Qorti mhix ser taċċetta din is-sottomissjoni l-ewwlnett għaliex l-imputat kien diġa' qed jipposedi apparat libih seta' jikkonnetti illegalment. Il-possediment m'għandux jinftiehem fis-sens tal-Liġi Ċivili iżda għandu jiftiehem biss bħala li wieħed ikollu kontroll ta' xi ħaġa.

15. It-tieni: l-imputat innifsu spjega kif kien, qaxxar, bena u qabbad il-wires. (Ara fol.17). Għaldaqstant din is-sottomissjoni qed tkun miċħuda. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni.

16. Min-naħa l-oħra, fit-tieni imputazzjoni, l-imputat kien akkużat li seraq numru ta' pulses liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz biss. Issa fid-definizzjoni mogħtija mill-Carrara dwar is-serq, l-ewwel element huwa li wieħed iċaqlaq xi ħaġa minn post għall-ieħor.[1] Il-Qorti mhix issib dan element fl-aġir tal-imputat għaliex waqt li tassew li l-imputat kien qed jieħu servizz b'mod illegali, iżda ma jistax wieħed jgħid li huwa 'seraq'skond id-definizzjoni klassika li l-Qrati Maltin dejjem imxew magħha kull meta taw deċiżjonijeit dwar serq. Barra dan la l-artikolu 263 u lanqas l-artikolu 264 ma jsemmu spefikatament it-telefonija. L-artikolu 264 jagħmel referenza biss għall-pajpijeit tal-ilma u tal-gass u l-wires u l-cables tal-elettriku . Id-definizzjoni a' sgass ma tkoprix it-teħid ta' pulses b'mod illegali waqt li l-artikolu 263 jitkellem fuq affarijiet differenti għal kollox bħalam huma ċwievet foloz jew ilbies ta' maskri. L-aċċess frawdolenti għat-telekommunikazzjoni hija regoalta b'artikolu speċjali – l-artikolu 298A. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx it-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni.**

17. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(b), 263, 264, u 298A(b) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' € 480 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €60 fi-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum jew qabel. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa waqt li kull part ital-multa li tibqa' pendenti għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

[1] Ara Notes on Criminal Law – Professur Sir Anthony Mamo – Theft.

Il-Qorti tinnota li l-imputat ħallas tal-pulses li kien uża u li s-somma ma kenitx waħda kbira. Għaldaqstant qed tirrakomanda, li f'każ ta' dixxiplina fuq il-post tax-xogħol, jekk jsit'a jkun ma jingħatax il-kastig estrem.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------